MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Avviz Numru. 203/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmen Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm539.27) rappresentanti hlas dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 384491 u dana kif jirrizulta mid-dokumenti A u B annessi ma'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehitrx la fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm539.27), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------